KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-*DATA*



# Rapport **Annwali** 2 0 1 7

Sommarju Eżekuttiv

Aktar dettalji dwar il-KEPD jinstabu fuq is-sit web tagħna fuq http://www.edps.europa.eu.

Is-sit web jagħti wkoll dettalji dwar karatteristika ta' sottoskrizzjoni fil-bulettin tagħna.

L-immaġni fuq il-qoxra ta' barra tirrappreżenta bażi tad-*data*. Kull waħda mill-erba' partijiet hija relatata mal-ħidma tal-KEPD, id-dinja tad-*data* u l-protezzjoni tad-*data* b'mod ġenerali:

- Is-sigurtà u l-protezzjoni, irrappreżentati minn ċelloli tad-*data* u katnazzi.
- Ir-relazzjoni bejn in-nies u d-dinja diġitali, irrappreżentata mill-individwu.
- In-natura globali tal-protezzjoni tad-*data*, l-iskambju tad-*data* u l-konnessjoni tagħna mad-dinja diġitali.
- Id-*data* b'mod ġenerali, irrappreżentata b'kodiċi binarju, it-traduzzjoni numerika tal-affarijiet kollha relatati mad-*data*.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018

© Ritratti: iStockphoto/EDPS & European Union

© L-Unjoni Ewropea, 2018

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

PDF ISBN 978-92-9242-256-1 ISSN 1831-0567 doi:10.2804/549752 QT-AB-18-001-MT-N



# Rapport **Annwali**

## 2 0 1 7

Sommarju Eżekuttiv

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-*DATA*

# Introduzzjoni

Bħalissa ninsabu ftit xhur biss 'il bogħod minn mument storiku għall-protezzjoni tad-*data* tal-UE. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR) il-ġdid li se japplika mill-25 ta' Mejju 2018, se jġib miegħu era ġdida tal-protezzjoni tad-*data* mfassla għall-era diġitali.

Il-GDPR huwa suċċess eċċezzjonali għall-UE, għal-leġiżlaturi u għall-partijiet ikkonċernati tagħha, iżda l-ħidma tal-UE biex tiżgura li l-protezzjoni tad-*data* ssir diġitali għad fadlilha ħafna biex titlesta.

L-2017 kienet l-ewwel sena li fiha l-maġġoranza tal-popolazzjoni tad-dinja rrapportat li għandha aċċess għall-internet. Attwalment, il-kumpaniji teknoloġiċi kbar jirrappreżentaw is-sitt kumpaniji bl-ogħla valur fid-dinja, u bis-suq kbir u s-setgħa informattiva tagħhom, huma kapaċi jilħqu l-aspetti l-aktar intimi tal-ħajja privata tagħna.

Bl-istess mod, l-intraċċar kontinwu li aħna soġġetti għalih onlajn qed joħloq reazzjoni negattiva, li hija evidenti fit-tkabbir fl-użu tal-VPNs, tal-kriptaġġ u tal-ad blockers, kif ukoll il-kontroversja dwar l-aħbarijiet foloz manipulattivi mmirati direttament lejn l-individwi (micro targeting).

B'dan il-ħsieb, huwa aktar importanti minn qatt qabel li l-UE tiżviluppa leġiżlazzjoni xierqa dwar il-privatezza elettronika (ePrivacy) biex tikkumplementa l-GDPR u tiżgura li l-komunikazzjoni elettronika bejn l-individwi tibqa' sikura u kunfidenzjali.

Madankollu, l-indirizzar tar-riskji assoċjati mas-setgħa tal-monopolju fis-swieq diġitali, abbażi ta' intraċċar kontinwu li jsir bil-moħbi, jirrikjedi aktar minn dan. Parti mis-soluzzjoni hija kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn ir-regolaturi; iżda sensittività kulturali ġenwina għad-dimensjoni etika tat-teħid ta' deċiżjonijiet hija wkoll indispensabbli.

Filwaqt li l-individwi qed isiru dejjem aktar soġġetti għal metodi ta' sorveljanza differenti, in-nies qed jibdew jitħaddtu dwar l-iżvilupp ta' etika diġitali, u l-KEPD biħsiebu jkun forza ewlenija f'dan il-qasam. Permezz tal-konferenza internazzjonali li se nospitaw f'Ottubru 2018, nixtiequ nħeġġu dibattitu tant meħtieġ dwar dan is-suġġett fid-dinja kollha u fid-dixxiplini kollha, kif ukoll inħejju DPAs indipendenti sabiex jaġixxu bħala gwidi rrispettati dwar l-iżvilupp u l-applikazzjoni responsabbli tal-Intelliġenza Artifiċjali.

It-tħassib imqajjem fid-dibattitu dwar l-etika diġitali jrid jinforma wkoll lid-dibattiti attwali dwar il-valur tad-*data* personali, inkluż il-kunċett ta' ħlas bid-*data* personali, imsemmi fid-Direttiva dwar il-Kontenut Diġitali proposta. Fuq talba tal-Kunsill, aħna rnexxilna ninfluwenzaw id-dibattitu dwar din il-proposta permezz tal-pubblikazzjoni tal-Opinjoni tagħna ta' Marzu 2017, u nixtiequ nibqgħu sieħeb fdat u influwenti dwar kwistjonijiet simili fis-snin li ġejjin.

L-iffinalizzar u l-implimentazzjoni ta' verżjoni riveduta tal-leġiżlazzjoni attwali li tirregola l-protezzjoni tad-*data* fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE mill-aktar fis possibbli huma essenzjali wkoll, jekk l-UE għandha tibqa' mexxej kredibbli u effettiv fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwi.

Fil-KEPD, aħna għandna l-ħsieb li neżerċitaw is-setgħat li se jingħataw lilna fir-Regolament rivedut b'mod effiċjenti u responsabbli, fi sforz biex niżguraw li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jkunu ta' eżempju għall-bqija tal-UE. Aħna għamilna sforz kbir biex inħejju lill-istituzzjonijiet tagħna għar-regoli l-ġodda, inqajmu sensibilizzazzjoni dwar prinċipji ġodda bħar-responsabbiltà fl-ogħla livell u nħarrġu l-persunal għall-bidla minn operazzjonijiet ta' pproċessar ta' verifika minn qabel għall-Valutazzjonijiet tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* (DPIAs).

Sadanittant, l-UE qiegħda ssir faċilitatur responsabbli mill-iskambju tad-*data* personali bejn il-forzi tal-pulizija fil-kontinent kollu. Il-bażi legali għall-Europol ġiet imġedda għall-era ta' wara t-Trattat ta' Lisbona sabiex tinkludi sett ta' standards għall-ipproċessar tad-*data* personali mfassal biex jindirizza l-isfidi tal-ġejjieni.

Aħna aġġustajna malajr għar-reponsabbiltajiet il-ġodda tagħna fl-Europol u ninsabu impenjati biex niżguraw li l-aġenzija tkun ta' eżempju, billi ssib bilanċ ġust bejn is-sigurtà u l-privatezza meta tindirizza l-ipproċessar tad-*data* għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi.

Peress li l-25 ta’ Mejju 2018 dalwaqt magħna, it-tħejjijiet għat-tnedija tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPB) issa mixjin ’il quddiem sew. Appoġġjat minn segretarjat ta’ kwalità għolja, il-Bord se jassumi r-responsabbiltajiet li bħalissa jassumi l-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 (WP29), kif ukoll se jwettaq kompiti oħrajn sabiex jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR fl-UE kollha. Fil-mixja tagħna ’l quddiem lejn era ġdida fil-prattika tal-protezzjoni u tal-privatezza tad-*data*, il-KEPD se jkompli bl-isforzi tagħna sabiex imexxi bl-eżempju fid-djalogu globali dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-*data* fl-era diġitali.



**Giovanni Buttarelli**
*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*



**Wojciech Wiewiórowski**
*Assistent Kontrollur*

# 2017 — Ħarsa Ġenerali

@EU_EDPS

#EDPS strategy envisions #EU as a whole not any single institution, becoming a beacon and leader in debates that are inspiring at global level

L-Istrateġija tal-KEPD 2015-2019 tiddeskrivi l-viżjoni tagħna ta' UE li tmexxi bl-eżempju fid-djalogu globali dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-*data* fl-era diġitali. Din tistabbilixxi aġenda ta' sfida u ambizzjuża għall-mandat attwali, immirata lejn l-istabbiliment ta' approċċ internazzjonali għall-protezzjoni tad-*data*, imfassal għall-era diġitali.

Fl-2017, aħna lħaqna l-punt tan-nofs tal-mandat attwali. Għalkemm ir-rieżami tagħna ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-KEPD (ara paġna 14) turi l-progress sinifikanti li għamilna biex nilħqu l-għanijiet tagħna, jekk irridu niżguraw li l-viżjoni tagħna ssir realtà għad baqa' ħafna xogħol xi jsir.

## Il-protezzjoni tad-*data* ssir diġitali

It-teknoloġija qiegħda tiżviluppa b'pass mgħaġġel, tbiddel il-mod ta' kif ngħixu ħajjitna b'modi li qatt ma konna nobsru. Għalkemm il-benefiċċji tal-innovazzjoni teknoloġika huma evidenti, huwa importanti ħafna li nqisu wkoll, u nindirizzaw, l-impatt tar-rivoluzzjoni teknoloġika fuq id-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*. Il-protezzjoni tad-*data* trid issir diġitali.

L-ambjent diġitali qed jiddetermina l-mod li bih aħna ngħixu ħajjitna; mhux biss il-mod li bih nikkomunikaw, iżda wkoll il-modi li bihom joperaw in-negozji u li bihom il-gvernijiet jinterpretaw id-dmir tagħhom li jsegwu l-interessi pubbliċi u jipproteġu lill-individwi. Madankollu, ħafna teknoloġiji ġodda jiddependu mill-ġbir mifrux u l-użu ta' ammonti kbar ta' *data* personali, u filwaqt li l-innovazzjoni teknoloġika mxiet sew 'il quddiem, ir-reazzjoni istituzzjonali mxiet bil-mod.

Il-kompitu li għandna quddiemna, bħala awtorità għall-protezzjoni tad-*data*, huwa li noħorġu b'ideat kreattivi u b'soluzzjonijiet innovattivi li jippermettu lis-soċjetà tibbenefika minn teknoloġiji ġodda filwaqt li jiġu ppreżervati d-drittijiet tagħhom bħala individwi. Dan ifisser li, fil-prattika, il-prinċipji eżistenti għandhom isiru aktar effettivi u għandhom jiġu integrati ma' prinċipji ġodda, imfassla speċifikament għall-era diġitali u għall-ekonomija xprunata mid-*data*.

B'fokus akbar tal-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR) fuq il-miżuri tekniċi u s-soluzzjonijiet, bħall-protezzjoni tad-*data* bid-disinn u b'mod awtomatiku, u l-applikazzjoni futura ta' prinċipji simili għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, il-ħtieġa li l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* (DPAs), inkluż il-KEPD, jiżviluppaw l-għarfien u l-kompetenzi tagħhom dwar it-teknoloġija hija importanti ħafna aktar minn qatt qabel. Mhux biss id-DPAs jeħtieġ li jkollhom il-kompetenzi rilevanti, iżda kwalunkwe persuna mitluba li tieħu deċiżjonijiet dwar l-ipproċessar tad-*data* personali għandu jkollha fehim aħjar tal-possibbiltajiet u tar-riskji relatati mal-iżvilupp teknoloġiku.

Il-ħidma tagħna mal-Internet Privacy Engineering Network (man-Netwerk tal-Inġinerija tal-Privatezza tal-Internet) (IPEN), stabbilit mill-KEPD fl-2014 hija eżempju tajjeb ta 'dan. Peress li skont il-GDPR il-ġdid, il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* bid-disinn u b'mod awtomatiku mistennija jsiru obbligu legali, l-IPEN se jagħmel dak kollu li jista' biex inaqqas id-distakk bejn l-approċċi legali u dawk tal-inġinerija tal-IT għall-protezzjoni tad-*data* u biex jappoġġja l-iżvilupp tal-professjoni tal-inġinerija tal-privatezza.

Fl-2017, in-netwerk organizza sessjoni ta' ħidma fi Vjenna, bil-għan li jenfasizza l-prinċipji li jistgħu jintużaw sabiex jiżguraw livell ogħla ta' protezzjoni tad-*data* personali fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda. Barra minn hekk, peress li bħalissa l-interess fl-inġinerija tal-privatezza qed jiżdied barra l-Ewropa, l-IPEN ikkollabora wkoll mal-Future of Privacy Forum (Forum dwar il-Futur tal-Privatezza) (FPF), l-Università Kattolika f'Leuven u l-Università Carnegie-Mellon biex jorganizza Sessjoni ta' ħidma transatlantika. Is-sessjoni ta' ħidma ffukat fuq il-ħtiġijiet tar-riċerka u tal-iżvilupp fl-inġinerija tal-privatezza, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* bid-disinn u b'mod awtomatiku.

Minbarra l-ħidma tagħna mal-IPEN, ħdimna ħafna wkoll biex niżviluppaw l-għarfien u l-kompetenzi tagħna dwar

teknoloġiji ġodda. Dan l-għarfien huwa vitali sabiex jiġi żgurat li l-komunità tal-protezzjoni tad-*data* tista' tindirizza l-isfidi u l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni u l-privatezza tad-*data* b'mod adegwat.

Filwaqt li komplejna nimmonitorjaw l-iżviluppi fl-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u fir-robotika, eżaminajna wkoll l-implikazzjonijiet tal-privatezza tal-"connected glasses", is-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi (C-ITS) u l-applikazzjoni potenzjalment problematika tal-IA u t-teknoloġiji tar-reġistru distribwit, bħall-katina ta' blokok ta' transazzjonijiet, għall-iżviluppi fl-industrija tat-Teknoloġija Finanzjarja (FinTech). Aħna nixtiequ nippreżentaw ir-riżultati tal-investigazzjonijiet tagħna matul l-2018.

Il-protezzjoni tad-*data* ma teżistix b'mod iżolat. Għalhekk huwa importanti li nsibu soluzzjonijiet għall-isfidi tal-era diġitali f'kollaborazzjoni ma' oħrajn. L-IPEN huwa eżempju tajjeb ta' dan, bħalma hija d-Digital Clearinghouse, inizjattiva tal-KEPD li tnediet fl-2016 sabiex tiffaċilita kooperazzjoni fl-oqsma tal-konsumatur u tal-protezzjoni tad-*data*. L-għan tagħna huwa li naħdmu mal-korpi regolatorji sabiex nindirizzaw mistoqsijiet relatati mal-konċentrazzjoni tas-suq u tas-setgħa informattiva. Id-Digital Clearinghouse, li kellha l-ewwel żewġ laqgħat tagħha fl-2017, tipprovdi spazju għal djalogu dwar kif għandha tiġi indirizzata l-isfida diġitali b'tali mod li jiġi żgurat li l-individwi jkollhom kontroll fuq l-informazzjoni personali tagħhom.

> @EU_EDPS
>
> .@Buttarelli_G #DigitalClearingHouse to bring together independent authorities to discuss & promote interests of individuals online #EDPD17

Fi żvilupp proċedurali ġdid, fl-2017 riċvejna l-ewwel talba formali għal Opinjoni mill-Kunsill. It-talba kienet tikkonċerna proposta tal-Kummissjoni biex il-protezzjoni tal-konsumatur tiġi estiża għall-kontenut diġitali pprovdut lill-konsumaturi, filwaqt li ffukat fuq il-kunċett żbaljat li jingħata kontenut *bi skambju għal data* personali. L-Opinjoni tagħna wissiet kontra kwalunkwe dispożizzjoni ġdida li tintroduċi l-idea li n-nies jistgħu jħallsu bid-*data* tagħhom bl-istess mod kif iħallsu bil-flus. Id-drittijiet fundamentali bħad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali ma jistgħux jiġu ridotti għal sempliċi interessi tal-konsumatur, u d-*data* personali ma tistax titqies bħala sempliċi komodità.

## Noħolqu sħubiji globali

L-iżvilupp teknoloġiku ġab rivoluzzjoni fil-mod li bih nikkondividu d-*data*. Madankollu, filwaqt li ammonti kbar tad-*data* jivvjaġġaw kuljum bejn il-fruntieri internazzjonali, il-liġijiet li japplikaw għall-protezzjoni tad-*data* personali huma ddeterminati fil-livelli reġjonali jew nazzjonali. L-evidenza tal-programmi bbażata fuq is-sorveljanza fuq skala kbira tad-*data* personali, li tfaċċat fl-2013, ipprovdiet illustrazzjoni eċċellenti tal-problema, iżda d-dimensjoni internazzjonali tal-protezzjoni tad-*data* fil-fatt kienet tinkludi fokus fuq diskussjonijiet fil-komunità tal-protezzjoni tad-*data* għal bosta snin.

L-Istrateġija tal-KEPD tenfasizza l-importanza li d-diskussjonijiet jinbidlu f'azzjonijiet. Jeħtieġ li niżviluppaw standard globali u diġitali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, iffukat fuq l-individwi, id-drittijiet u l-libertajiet tagħhom u l-identità u s-sigurtà personali tagħhom. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-Ewropa tkun minn ta' quddiem f'dan l-isforz u tmexxi bl-eżempju bħala sinjal ta' rispett għad-drittijiet fundamentali.

> @EU_EDPS
>
> .@Buttarelli_G keynote speech at #EDPS #DataDrivenLife workshop. #DigitalEthics is essential & one of #EDPS priorities for this mandate

Fl-2017 għamilna progress sinifikanti f'dan il-qasam. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota l-ħidma tagħna fl-iżvilupp ta' dimensjoni etika għall-protezzjoni tad-*data*. Matul l-2017, il-ħidma tal-Grupp Konsultattiv dwar l-Etika (EAG), li tnediet fil-bidu tal-2016, kompliet iżżid fil-pass, tikkontribwixxi għad-dibattitu usa' u internazzjonali li aħna qed naħdmu biex nippromwovu dwar l-ambjent diġitali u l-implikazzjonijiet etiċi tiegħu. L-isforzi tagħna se jilħqu l-qofol tagħhom fil-Konferenza Internazzjonali tal-Protezzjoni tad-*Data* u tal-Kummissarji tal-Privatezza (ICDPPC) tal-2018, li se

sseħħ fi Brussell f'Ottubru 2018. Bħala ko-ospitanti tal-konferenza, aħna għażilna s-suġġett tal-etika diġitali bħala l-fokus tas-sessjoni pubblika, u nixtiequ niffaċilitaw djalogu miftuħ dwar dan is-suġġett bejn l-individwi u l-esperti minn firxa ta' dixxiplini.

Madankollu, l-isforzi tagħna fl-iżvilupp ta' standards globali għall-protezzjoni tad-*data* ma jiqfux fl-etika. Aħna nemmnu li meta tinnegozja ftehimiet internazzjonali, l-UE jeħtiġilha tuża dawn l-argumenti biex issaħħaħ id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, billi tiżgura li dawn ma jikkomprometttux il-livelli tal-protezzjoni tad-*data* previsti fil-liġi tal-UE. Dan huwa partikolarment importanti fil-każ ta' ftehimiet kummerċjali. Tradizzjonalment, il-flussi tad-*data* ma tqisux bħala kwistjoni kummerċjali. Madankollu, talbiet riċenti biex il-leġiżlazzjoni li hija relatata mal-flussi tad-*data* tiġi inkluża fi ftehimiet kummerċjali wasslet biex il-KEPD, Giovanni Buttarelli, jippubblika blogpost dwar is-suġġett f'Diċembru 2017. Huwa rrepeta l-pożizzjoni kostanti tal-KEPD li l-protezzjoni tad-*data* mhijiex ostakolu għall-kooperazzjoni internazzjonali u li l-flussi tad-*data* jenħtieġ li jinżammu kompletament u espliċitament barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE.

Ipparteċipajna wkoll fl-ewwel rieżami konġunt tat-Tarka tal-Privatezza UE-US, li sar f'Settembru 2017. Ir-rieżami kellu l-għan li jivvaluta l-implimentazzjoni tat-Tarka tal-Privatezza, il-qafas li jiffaċilita t-trasferiment tad-*data* mill-UE għall-Istati Uniti, sabiex jiġi żgurat li din ma tipperikolax id-drittijiet fundamentali tal-individwi. Ir-riżultat xejn ma kien sodisfaċenti u, flimkien mal-kollegi tagħna fil-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 (WP29), aħna ħadna l-impenn li fl-2018 inkomplu insegwu, bl-użu ta' miżuri xierqa, jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni biex jiġi indirizzat it-tħassib tagħna.

Il-fatt li nitkellmu b'vuċi waħda tal-UE fl-arena internazzjonali se jżid l-influwenza u l-kredibbiltà tal-approċċ Ewropew għall-protezzjoni tad-*data*. Għal din ir-raġuni, huwa importanti li nkomplu naħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-kollegi tagħna fid-DPAs nazzjonali fl-UE kollha, kemm jekk dan ikun bħala rispons għall-isfidi ewlenin għall-protezzjoni tad-*data*, bħala parti mill-isforzi tagħna sabiex niżguraw superviżjoni kkoordinata effettiva, u kif ukoll bħala tħejjija konġunta għall-qafas legali l-ġdid.

## Il-ftuħ ta' kapitlu ġdid għall-protezzjoni tad-data

Ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* tal-UE tqiesu għal ħafna żmien bħala punt ta' referenza għal bosta pajjiżi fid-dinja kollha. Madankollu, biex inżommu din il-pożizzjoni privileġġjata hemm bżonn li nirriformaw dawn ir-regoli sabiex niżguraw li dawn jipprovdu protezzjoni adegwata għall-era diġitali. Filwaqt li r-riforma jenħtieġ li ma tnaqqasx l-innovazzjoni, din jenħtieġ li tiżgura li d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE jkunu salvagwardjati kif xieraq u terġa' tinbena fiduċja fis-soċjetà diġitali, li tnaqqret b'rivelazzjonijiet ta' sorveljanza kontinwa u sproporzjonata.

Fl-4 ta' Mejju 2016, il-GDPR ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Dan immarka pass kbir lejn il-kisba ta' dawn l-għanijiet, iżda għad baqa' ħafna xogħol xi jsir qabel ma jitlesta l-qafas il-ġdid tal-UE għall-protezzjoni tad-*data*.

Fl-Istrateġija tal-KEPD, aħna nimpenjaw ruħna li naġixxu bħala sieħeb proattiv f'diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament u l-Kunsill dwar il-pakkett ta' riforma tal-protezzjoni tad-*data*. Aħna ħadna dan ir-rwol waqt id-diskussjonijiet dwar il-GDPR, u adottajna approċċ simili għal negozjati li għaddejjin bħalissa dwar ir-rieżami tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, li jistabbilixxi r-regoli għall-protezzjoni tad-*data* fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, u dwar ir-riforma tar-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika.

Fl-2017, ippubblikajna Opinjonijiet dwar proposti għaż-żewġ Regolamenti, li jenfasizzaw il-ħtieġa li tiġi żgurata konsistenza mal-GDPR. F'Novembru 2017, id-diskussjonijiet dwar ir-rieżami tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 imxew għall-istadju tat-trilogu, u aħna nkomplu nimpenjaw ruħna sabiex jintlaħaq qbil mill-aktar fis possibli, f'konformità mal-impenn tal-leġiżlaturi sabiex jiġi żgurat li dawn ir-regoli jkunu applikabbli fl-istess ġurnata bħall-GDPR. Dan huwa importanti sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet tal-UE jkunu kapaċi jmexxu bl-eżempju fl-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Aħna ħdimna qatigħ biex inħejju lill-istituzzjonijiet tal-UE għar-regoli l-ġodda. B'mod partikolari, iffukajna fuq li nintroduċuhom mal-prinċipju tar-responsabbiltà, li se jitlob minnhom mhux biss li jikkonformaw mar-regoli l-ġodda, iżda wkoll li juru din il-konformità. Ilna naħdmu mill-qrib mal-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-*Data* (UPD) fl-istituzzjonijiet tal-UE sabiex ngħinuhom iħejju ruħhom, iżda barra minn hekk ikkonsultajna lill-maniġment u lil membri oħra tal-persunal tal-UE affettwati mil-leġiżlazzjoni l-ġdida.

Fl-Opinjoni dwar il-privatezza elettronika, tlabna biex jiġu implimentati regoli aktar intelliġenti, aktar ċari u aktar b'saħħithom, filwaqt li enfasizzajna t-tħassib ewlieni tagħna. Il-progress fir-rigward ta' din il-leġiżlazzjoni kien aktar kajman, iżda bi pjaċir innutajna li r-rapport tal-Parlament Ewropew dwar il-privatezza elettronika, li se jintuża f'negozjati tat-trilogu mal-Kummissjoni u mal-Kunsill, ibbaża fuq ir-rakkomandazzjonijiet tagħna. Aħna

se nkomplu nsegwu l-iżviluppi fir-rigward tar-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika fl-2018 u nixtiequ li jintlaħaq qbil mill-aktar fis possibli.

@EU_EDPS

#EDPS calls for strong and smart new rules to protect #confidentiality of communications #ePrivacy https://t.co/rwbDhql4yn

Aħna nvestejna wkoll ħafna enerġija fit-tħejjijiet għall-GDPR fl-2017. Dan involva ħidma mill-qrib mal-kollegi tagħna tad-WP29 kemm fil-produzzjoni ta' gwida relatata mad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-GDPR kif ukoll fl-istabbiliment tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPB), li għalih il-KEPD se jipprovdi s-Segretarjat. L-EDPB se jassumi r-responsabbiltajiet tad-WP29, kif ukoll se jwettaq kompiti oħrajn bil-għan li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR fl-UE kollha. Fl-2017, għamilna progress sinifikanti fit-tħejjijiet tagħna għal din ir-responsabbiltà l-ġdida, għażilna logo, fassalna sit web u stabbilixxejna settur tal-EDPB apposta fi ħadna il-qafas tal-KEPD. Fuq il-bażi tal-ġbir u tal-analiżi tal-ħtiġijiet tas-segretarjat tal-EDPB u tad-DPAs nazzjonali għall-proċeduri l-ġodda ta' kooperazzjoni u ta' konsistenza u fuq l-analiżi tal-għażliet teknoloġiċi, fl-2017 ittieħdu deċiżjonijiet dwar il-pjattaforma teknika u beda l-proġett għall-implimentazzjoni. It-tħejjijiet se jkomplu fl-ewwel nofs tas-sena li jmiss, sabiex jiġi żgurat li sa Mejju 2018, il-Bord ikun beda jaħdem.

Minbarra t-tħejjija għal-leġiżlazzjoni l-ġdida, l-Istrateġija tal-KEPD tistabbilixxi l-kompitu li jiġi ffaċilitat tfassil tal-politika responsabbli u infurmat. Fl-2017, l-isforzi tagħna kienu ħafna aktar minn dawk tas-snin preċedenti skont il-mandat attwali. Mhux biss kien hemm żieda fl-Opinjonijiet li ppubblikajna dwar il-proposti tal-UE b'implikazzjonijiet tal-protezzjoni u tal-privatezza tad-*data*, iżda pprovdejna wkoll gwida prattika għal dawk li jfasslu l-politika, permezz tal-pubblikazzjoni ta' Necessity Toolkit (Sett ta' Għodod ta' Neċessità). Barra minn hekk, tnejn mill-Opinjonijiet li ppubblikajna kienu mitluba direttament mill-Kunsill, xi ħaġa li ma seħħitx qabel. Iż-żewġ osservazzjonijiet iservu biex juru l-kwalità u l-valur tal-parir li noħorġu għall-istituzzjonijiet tal-UE, u l-kooperazzjoni mtejba tagħna, b'mod partikolari mal-Kunsill.

@EU_EDPS

#EDPS publishes necessity toolkit as part of commitment to facilitating responsible & informed policymaking http://europa.eu/!Yu63VB

Sadanittant, fir-rwol superviżorju tagħna, fl-2017 ħaddanna responsabbiltà ġdida: is-superviżjoni tal-Europol. Waħda mill-isfidi ewlenin tagħna f'dan ir-rwol il-ġdid hija li niżguraw li l-Europol kapaċi jsib il-bilanċ adatt bejn is-sigurtà u l-privatezza meta jindirizza l-ipproċessar tad-*data* għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi. Aħna għamilna dak kollu li stajna biex nistabbilixxu relazzjonijiet ta' ħidma effettivi mal-kollegi tagħna fl-Europol, u b'hekk temmejna s-sena 2017 bi spezzjoni produttiva tal-attivitajiet tal-ipproċessar tad-*data* tagħhom. Aħna nistennew bil-ħerqa li fl-2018 nibbażaw fuq dawn il-pedamenti, u nixtiequ li l-Europol ikun jista' jkun ta' eżempju għall-oħrajn billi jippromwovi approċċ matur għas-sigurtà u għall-privatezza.

@EU_EDPS

#EDPS & JSB handover ceremony set new era in #DataProtection #supervision of @Europol! #EDPS to work as supervisor & advisor

## Amministrazzjoni interna

L-iżgurar li l-amministrazzjoni interna u l-politiki dwar il-protezzjoni tad-*data* tagħna jkunu adegwati u effettivi għandu rwol essenzjali biex l-istituzzjoni tkun tista' tilħaq l-għanijiet tagħha. Dan huwa saħansitra aktar importanti meta jitqies l-appoġġ amministrattiv li se nipprovdu għall-EDPB.

Fl-2017, komplejna bil-ħidma tagħna biex niżguraw li l-EDPB jirċievi r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu. Din kienet tinkludi

l-istabbiliment tas-settur tal-EDPB u pjan ambizzjuż għar-reklutaġġ fl-ewwel nofs tal-2018. Poġġejna wkoll il-protezzjoni tad-*data* fil-prattika, permezz tal-implimentazzjoni tal-għodda ta' responsabbiltà tal-protezzjoni tad-*data* tal-KEPD, filwaqt li żgurajna li aħna wkoll ninsabu lesti għar-Regolament il-ġdid u kapaċi nkunu ta' eżempju għall-oħrajn.

Barra minn hekk, introduċejna għodod u politiki ġodda, bħall-għodda għall-Ippjanar bil-Quddiem tal-HR u l-politiki dwar opportunitajiet indaqs u d-diversità, ilkoll imfassla biex jiżguraw li l-KEPD jibqa' ambjent tax-xogħol effiċjenti u pjaċevoli.

## Nikkomunikaw il-messaġġ tagħna

Bl-istess mod, hekk kif ir-rwol u r-responsabbiltajiet tagħna jkomplu jiżdiedu, huwa aktar importanti minn qatt qabel li nkunu kapaċi nikkomunikaw dwar il-ħidma tagħna bl-aktar mod effettiv u trasparenti possibbli.

F'Marzu 2017 nedejna sit web ġdid, imfassal biex jagħmel preċiżament dan. Eżatt wara dan, segwa Bullettin b'dehra ġdida, li mmarka t-tmiem tal-isforzi tagħna biex nagħtu isem kummerċjali ġdid u naġġornaw l-immaġni tal-KEPD għal era ġdida. Attwalment, il-ħidma fuq il-ħolqien ta' siti web ġodda għall-EDPB u l-Konferenza Internazzjonali tal-2018 mexjin 'il quddiem sew, biż-żewġ proġetti jkunu mistennija li jitlestew fl-2018.

@EU_EDPS

New #EDPS website is now live at http://www.edps.europa.eu - Discover all new features & give us your feedback! Video: https://t.co/847R3LqVTY

Minbarra dan, komplejna nespandu l-udjenza tagħna, mhux biss bl-użu tal-midja soċjali u l-attivitajiet tal-istampa, iżda wkoll permezz ta' żjarat u avvenimenti ta' studju.

Bi skadenzi għall-EDPB u għall-Konferenza Internazzjonali 2018 dalwaqt magħna, u r-rwol u l-preżenza globali tal-KEPD li jkomplu jiżdiedu, qed nantiċipaw sena bieżla oħra fl-2018.

## Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni 2017

L-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs), stabbiliti skont l-objettivi strateġiċi u l-pjan ta' azzjoni ddefiniti fl-Istrateġija 2015-2019, jgħinuna biex nimmonitorjaw il-prestazzjoni tal-attivitajiet tagħna u biex naġġustawhom, jekk ikun meħtieġ, sabiex inżidu l-impatt tal-ħidma tagħna u l-effiċjenza tal-użu tagħna tar-riżorsi.

It-tabella ta' valutazzjoni tal-KPI ta' hawn taħt fiha deskrizzjoni fil-qosor ta' kull KPI u tar-riżultati fil-31 ta' Diċembru 2017. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawn ir-riżultati jitkejlu mal-miri inizjali.

Fl-2017, il-maġġoranza tal-KPIs laħqu l-miri tagħhom jew qabżuhom, u dan jindika li l-implimentazzjoni tal-objettivi strateġiċi rilevanti tinsab fit-triq it-tajba u ma teħtieġx miżuri korrettivi.

L-informazzjoni li ġejja tikkjarifika r-riżultati ta' monitoraġġ ta' tliet KPIs:

- Il-KPI 4 janalizza l-impatt tal-opinjonijiet magħżula tal-KEPD. Dan il-KPI ma setax jiġi vvalutat kif ippjanat minħabba dewmien fil-proċess leġiżlattiv, li għamilha impossibbli li l-eżerċizzju jitwettaq kif ippjanat fir-rigward taż-żewġ opinjonijiet magħżula għall-2017 (Direttiva dwar il-kontenut diġitali u r-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001). Dan il-KPI qed jitqies fid-dawl tad-dipendenza qawwija tiegħu fuq fatturi li mhumiex fil-kontroll tal-KEPD, bħal żviluppi u dewmien fil-proċess leġiżlattiv;

- Il-KPI 7 huwa l-indikatur kompost dwar iż-żjarat fuq is-sit web u s-segwaċi ta' Twitter. Dan il-KPI ta riżultati mħallta: filwaqt li n-numru tas-segwaċi ta' Twitter qabeż il-mira sew, in-numru ta' żjarat fuq is-sit web tal-KEPD kien inqas mill-mira stabbilita. Dan huwa primarjament minħabba l-fatt li ċ-ċifri għaż-żjarat tal-2017 fuq is-sit web iqisu biss in-numru ta' viżitaturi mit-tnedija tas-sit web il-ġdid tal-KEPD f'Marzu 2017. Il-feedback pożittiv ħafna li rċivejna dwar is-sit web il-ġdid u l-għadd kbir sostanzjali ta' viżitaturi jippermettilna nikkonkludu li dan jibqa' riżors online siewi għal dawk interessati fil-ħidma tagħna u fil-protezzjoni tad-*data* b'mod ġenerali;

- Il-KPI 8, dwar is-sodisfazzjon tal-persunal, ma ġiex ivvalutat fl-2017 peress li huwa marbut mal-istħarriġ tal-HR, li huwa eżerċizzju biennali li għandu jsir fl-2018.

| INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI | | RIŻULTATI SAL-31.12.2017 | MIRA 2017 |
|---|---|---|---|
| Objettiv Nru 1 — Il-Protezzjoni tad-*Data* ssir diġitali | | | |
| KPI 1 | Numru ta' inizjattivi li jippromwovu teknoloġiji biex itejbu l-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* organizzati jew koorganizzati mill-KEPD. | 9 | 9 |
| KPI 2 | Numru ta' attivitajiet iffukati fuq soluzzjonijiet ta' politika transdixxiplinarji (interna u esterna) | 8 | 8 |
| Objettiv Nru 2 — Noħolqu sħubiji globali | | | |
| KPI 3 | Numru ta' każijiet indirizzati f'livell internazzjonali (WP29, CoE, OECD, GPEN, Konferenzi Internazzjonali) li għalihom il-KEPD ipprovda kontribut sostanzjali bil-miktub | 31 | 10 |
| Objettiv Nru 3 — Il-Ftuħ ta' kapitlu ġdid għall-Protezzjoni tad-*Data* tal-UE | | | |
| KPI 4 | Analiżi tal-impatt tal-input tal-opinjonijiet tal-KEPD | *Mhux applikabbli għall-2017* | |
| KPI 5 | Livell ta' sodisfazzjon tad-DPO/DPC/kontrolluri dwar il-kooperazzjoni mal-KEPD u l-gwida, inkluż is-sodisfazzjon tas-suġġetti tad-*data* rigward it-taħriġ | 92.3 % | 60 % |
| KPI 6 | Rata ta' implimentazzjoni ta' każijiet fil-lista ta' prijorità tal-KEPD (kif regolarment aġġornata) fil-forma ta' kummenti informali u opinjonijiet formali | 100 % | 90% |
| Instigaturi — Komunikazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi | | | |
| KPI 7<br><br>(indikatur kompost) | Numru ta' żjarat fuq is-sit web tal-KEPD<br><br>Numru ta' segwaċi fuq il-kont ta' Twitter tal-KEPD | 181 805<br><br>9 407 | 2015 bħala parametru referenzjarju (195 715-il żjara fuq is-sit web; 3 631 segwaċi fuq Twitter) +10 % |
| KPI 8 | Il-livell ta' sodisfazzjon tal-Persunal | *Mhux applikabbli għall-2017* | |

# Objettivi ewlenin għall-2018

Dawn li ġejjin huma l-objettivi li ntgħażlu għall-2018 fi ħdan l-Istrateġija għall-2015-2019 b'mod ġenerali. Aħna se nirrapportaw dwar ir-riżultati fir-Rapport Annwali 2018.

## Tħejjija għall-EDPB

Skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR), il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* huwa mistenni li jissostitwixxi l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 (WP29) f'Mejju 2018. Għalhekk, il-ħidma preparatorja tagħna se tkompli waqt l-ewwel nofs tal-2018 sabiex jiġi żgurat li s-Segretarjat tal-EDPB ikun lest biex jibda jaħdem mill-jum li fih il-GDPR isir applikabbli, u li l-arranġamenti tranżizzjonali xierqa jkunu fis-seħħ għal trasferiment bla xkiel. Din il-ħidma se tinkludi l-iżgurar li jkollna biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji u li nkunu stabbilixxejna l-metodi ta' ħidma xierqa. Se nkomplu wkoll bil-ħidma tagħna fuq is-sistema ta' komunikazzjoni tal-IT u s-sit web tal-EDPB. Se nżommu l-kooperazzjoni mill-qrib tagħna mad-WP29, kemm fit-tħejjijiet tagħna għall-EDPB, kif ukoll fl-abbozzar ta' linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-GDPR.

## It-tlestija tal-qafas tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*

F'Jannar 2017, il-Kummissjoni ppubblikat proposti għal Regolament ġdid dwar il-protezzjoni tad-*data* fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, sabiex tissostitwixxi r-regoli attwali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 45/2001, u Regolament ġdid dwar il-Privatezza Elettronika. Fi tmiem l-2017, saru xi negozjati tat-trilogu bejn il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kunsill dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, filwaqt li tkompliet il-ħidma fuq ir-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika fil-Kunsill.

Fl-2018, se nkomplu nsegwu b'mod attiv in-negozjati li għaddejjin u nipprovdu input immirat fejn xieraq. L-għan tagħna huwa li niżguraw li ż-żewġ Regolamenti jallinjaw kemm jista' jkun mal-prinċipji tal-GDPR u jkunu applikabbli bl-inqas dewmien possibbli.

## Tħejjija għar-Regolament rivedut għall-istituzzjonijiet tal-UE

Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 rivedut se jiddefinixxi r-rwol superviżorju u s-setgħat tal-KEPD u jistabbilixxi r-regoli li jeħtiġilna ninfurzaw fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Għalhekk, aħna se nkomplu niddedikaw riżorsi konsiderevoli sabiex niżguraw l-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva ta' dawn ir-regoli. Dan jinkludi l-aġġornament tal-proċeduri interni tagħna sabiex dawn jikkonformaw mar-Regolament il-ġdid u l-ħidma mal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE sabiex dawn ikunu jistgħu jimplimentaw ir-regoli l-ġodda. L-għan tagħna huwa li niżguraw li l-istituzzjonijiet tal-UE huma kapaċi jkunu ta' eżempju fl-applikazzjoni tagħhom tal-pakkett il-ġdid tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE.

## Superviżjoni effettiva tal-Europol

Fl-1 ta' Mejju 2017 daħal fis-seħħ qafas ġdid għall-protezzjoni tad-*data* għall-Europol, li ħatar lill-KEPD bħala l-awtorità superviżorja l-ġdida tal-korp. Ir-rwol il-ġdid tagħna jinvolvi t-twettiq ta' kompiti ta' superviżjoni, inkluż l-indirizzar tal-ilmenti, konsultazzjonijiet, talbiet għal informazzjoni, inkjesti u spezzjonijiet. Aħna nipprovdu wkoll is-Segretarjat u nikkooperaw mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali bħala parti mill-Bord ta' Kooperazzjoni. Fl-2018 se nkomplu nistabbilixxu qafas ta' superviżjoni effiċjenti, billi nibbażaw fuq is-suċċessi u t-tagħlimiet miksuba mill-ewwel tmien xhur ta' superviżjoni tagħna. Se nikkonċentraw ukoll fuq l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni għall-individwi, b'fokus partikolari fuq il-prinċipju tar-responsabbiltà. Waħda mill-isfidi ewlenin tagħna hija li niżguraw li l-Europol isib bilanċ ġust bejn is-sigurtà u l-privatezza meta jipproċessa d-*data* għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi.

## Inpoġġu l-kompetenzi tal-IT tagħna fil-prattika

Aħna se nkomplu niżviluppaw l-approċċ tagħna għal spezzjonijiet billi niffukaw fuq aspetti teknoloġiċi, partikolarment dawk li jikkonċernaw is-sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira tal-UE u fil-qasam tas-sigurtà u tal-infurzar tal-liġi, bħall-Europol. Aħna għandna l-għan ukoll li nużaw il-Laboratorju tal-KEPD biex inwettqu spezzjonijiet remoti tas-siti web u apps tal-mowbajl imħaddma minn istituzzjonijiet tal-UE. Barra minn hekk, aħna se nkomplu niffaċilitaw id-diskussjoni bejn l-esperti tat-teknoloġija u dawk legali dwar kunċetti u metodoloġiji li għandhom l-għan li jagħmlu l-protezzjoni tad-*data* bid-disinn u b'mod awtomatiku realtà, kif ukoll iħeġġu l-iżvilupp ta' approċċi

ġodda għall-ipproċessar ta' *data* personali fl-organizzazzjonijiet taħt is-superviżjoni tagħna.

## Nikkompletaw l-Unjoni tas-Sigurtà

Fl-2018, qed nistennew li noħorġu Opinjonijiet dwar tliet proposti li ġejjin tal-Kummissjoni dwar il-fruntieri u s-sigurtà tal-UE. Dawn se jinkludu Opinjonijiet dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, l-aċċess transkonfinali tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għal evidenza elettronika u aċċess transkonfinali għad-*data* finanzjarja u l-użu tagħha mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Aħna se nsegwu wkoll mill-qrib l-iżviluppi relatati maż-żamma tad-*data* tal-komunikazzjoni.

## Gwida dwar it-teknoloġija u l-protezzjoni tad-*data*

Fl-2016 ħriġna Linji Gwida dwar il-protezzjoni tad-*data* personali fis-servizzi web u fl-apps tal-mowbajl. Fl-2018, se noħorġu Linji Gwida dwar il-governanza u l-ġestjoni tal-IT kif ukoll dwar il-cloud computing. Aħna nużaw il-kompetenzi teknoloġiċi tagħna biex nappoġġjaw lill-KEPD fit-twettiq tar-rwoli tagħna bħala konsulent u superviżur u għandna l-għan li nżidu l-viżibbiltà tal-ħidma tagħna f'dan il-qasam billi nirrevedu u noħorġu gwida u parir rigward politika dwar teknoloġiji speċifiċi jew approċċi metodoloġiċi, speċjalment dawk relatati mas-sigurtà.

## Niffaċilitaw il-valutazzjoni tan-neċessità u l-proporzjonalità

Fl-2017 ippubblikajna Sett ta' Għodod ta' Neċessità, bil-ħsieb li jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika gwida prattika dwar kif għandhom japplikaw il-prinċipju tal-protezzjoni tad-*data* ta' neċessità. Fl-2018, qed nippjanaw li nagħtu kontribut simili relatat mal-prinċipju tal-proporzjonalità fil-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*, bħala parti mill-isforzi tagħna biex niffaċilitaw tfassil tal-politika responsabbli u infurmat fl-istituzzjonijiet tal-UE.

## Il-protezzjoni tad-data ssir diġitali

L-Artikolu 25 tal-GDPR jagħmel il-protezzjoni tad-*data*, bid-disinn u b'mod awtomatiku, rekwiżit obbligatorju. Aħna qed nippjanaw li nqajmu sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa li dawn il-prinċipji jiġu applikati billi tinħareġ Opinjoni dwar is-suġġett fil-bidu tal-2018. Barra minn hekk, aħna rridu nħeġġu lid-disinjaturi jimplimentaw Teknoloġiji ta' Infurzar tal-Privatezza (PETs) f'apps ġodda, u nippjanaw li nagħmlu dan billi nipprovdu premju lil apps ta' saħħa mobbli favur il-privatezza (privacy friendly mobile health apps)(mHealth).

Aħna se naħdmu wkoll man-Netwerk tal-Inġinerija tal-Privatezza tal-Internet (IPEN) biex intejbu l-profil tal-inġinerija tal-privatezza. Il-ħidma ta' IPEN hija vitali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-protezzjoni tad-*data* bid-disinn u b'mod awtomatiku, u jinġiebu flimkien l-ispeċjalisti fit-teknoloġija, fil-liġi u fil-privatezza sabiex jippromwovu teknoloġija favur il-privatezza u tekniki tal-inġinerija konxji mill-privatezza. Filwaqt li jibnu fuq sessjonijiet ta' ħidma b'suċċess ma' rappreżentanti mill-akkademja, mill-industrija u mis-soċjetà ċivili, l-isforzi ta' kooperazzjoni tal-IPEN se jiżdiedu fl-2018.

L-IPEN se jkompli jimmonitorja mill-qrib l-iżviluppi teknoloġiċi li x'aktarx ikollhom impatt fuq il-protezzjoni u l-privatezza tad-*data*, u se jikkondividi s-sejbiet tiegħu billi jippubblika rapporti ta' riċerka u rakkomandazzjonijiet ta' politika mmirati biex iżommu lill-komunitajiet usa' tal-privatezza, tal-IT u tal-inġinerija infurmati.

## Nimxu 'l quddiem bid-Digital Clearinghouse

Fl-2017 nedejna d-Digital Clearinghouse. Il-proġett għandu l-għan li jiġbor flimkien aġenziji mill-oqsma tal-kompetizzjoni, u l-konsumatur u l-protezzjoni tad-*data* li lesti jikkondividu informazzjoni u jiddiskutu kif jistgħu jiġu infurzati regoli li jappoġġjaw l-interessi tal-individwu fl-ispazju diġitali. Aktar laqgħat tad-Digital Clearinghouse huma ppjanati għall-2018, li se jfittxu li jiżviluppaw il-ħidma li bdiet fl-2017, bil-possibbiltà li din il-ħidma tiġi estiża għas-suġġetti ta' diskriminazzjoni mhux ġusta fil-prezzijiet u obbligazzjonijiet tal-intermedjarji.

## L-istrateġija "micro-targeting" għal skopijiet mhux kummerċjali

Fl-2018, nippjanaw li noħorġu Opinjoni dwar l-istrateġija "micro-targeting", il-manipulazzjoni online u d-*data* personali tal-votant. Din l-Opinjoni se tiffoka wkoll fuq l-użu tal-Big *Data* fil-kampanji politiċi u se tgħin biex tiddetermina l-isfidi tal-protezzjoni tad-*data* relatati mal-"micro-targeting" tal-votant bl-użu ta' kontenut personalizzat, inklużi *aħabrijiet foloz*, sabiex jinfluwenzaw il-vot tagħhom.

## Nintegraw l-etika fix-xogħol ta' kuljum tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data

Il-ħidma tal-KEPD u l-Grupp Konsultattiv dwar l-Etika (EAG) matul il-mandat attwali tejbet il-profil tal-etika diġitali fil-komunità tal-protezzjoni tad-*data*. Issa huwa importanti li nibdew nintegraw għarfien etiku fil-ħidma tagħna ta' kuljum bħala regolatur indipendenti u konsulent dwar il-politika, u li nikkooperaw mal-kollegi tagħna f'awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* (DPAs) oħrajn biex nagħmlu dan. Il-Konferenza Internazzjonali tal-Protezzjoni tad-*Data* u tal-Kummissarji tal-Privatezza (ICDPPC), li se tiġi ospitata fi Brussell mill-KEPD u mill-Commission for Personal *Data* Protection of the Republic of Bulgaria (Kummissjoni għall-Protezzjoni tad-*Data* Personali tar-Repubblika tal-Bulgarija) (CPDP) f'Ottubru 2018, se tipprovdi forum eċċellenti li permezz tiegħu din il-kooperazzjoni se tiżviluppa u tissaħħaħ fuq skala internazzjonali.

## Tħejjija għall-Konferenza Internazzjonali

Il-ħidma tal-EAG se tiġi konkluża fl-2018 bil-pubblikazzjoni tar-rapport tagħhom, li se jipprovdi ħarsa ġenerali tad-deliberazzjonijiet tagħhom. Dan ir-rapport se jipprovdi kontribut siewi għad-diskussjonijiet li se jsiru fil-Konferenza Internazzjonali tal-2018. Fl-2018 se nkomplu t-tħejjijiet tagħna għall-Konferenza Internazzjonali, kemm f'termini tal-loġistika kif ukoll tal-programm. L-għan tagħna huwa li niffaċilitaw djalogu fuq spettru wiesa' ta' gruppi u individwi minn firxa ta' dixxipplini dwar is-suġġett tal-etika diġitali.

# Ir-Rieżami Strateġiku ta’ nofs it-terminu

Sabiex niżguraw li l-ħidma tagħna tibqa’ miexja fit-triq it-tajba, aħna impenjajna ruħna li nwettqu rieżami ta’ nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-KEPD f’konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tagħna, u li nirrapportaw dwar ir-riżultati ta’ dan ir-rieżami fir-Rapport Annwali tagħna tal-2017.

Ir-rieżami sar minn konsulent estern, li f’Settembru u Ottubru 2017 intervista 15-il parti kkonċernata interna u esterna, bl-użu ta’ kwestjonarju (ara paġna 16). Il-partijiet ikkonċernati esterni kienu jinkludu rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* nazzjonali Ewropej (DPAs), membri tal-komunità tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* (DPO), rappreżentanti mill-istituzzjonijiet tal-UE involuti fil-kontroll tal-politika u tad-*data*, membri tal-komunità tat-teknoloġija u rappreżentanti mill-NGOs li jindirizzaw id-*data* personali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Fit-30 ta’ Novembru 2017, waqt “Management Away Day” tal-KEPD, il-konsulent irrapporta dwar il-feedback riċevut. Id-diskussjonijiet tagħna rriżultaw fil-konklużjonijiet ta’ hawn taħt.

## Nivvalutaw il-kisbiet tagħna

L-approċċ adottat fl-Istrateġija tal-KEPD tqies ta’ suċċess kbir, b’parti kkonċernata esterna waħda tikkumenta li *s-superviżuri l-ġodda assumew ir-responsabbiltajiet tat-tim preċedenti b’mod tajjeb ħafna*. Is-Superviżuri l-ġodda wasslu għal trasformazzjoni vasta fil-viżjoni, il-missjoni u l-istrateġija tal-organizzazzjoni, bil-għan li jmexxuha f’pożizzjoni ta’ tmexxija globali u viżibbiltà.

Dawk intervistati apprezzaw l-approċċ kostruttiv, pragmatiku u orjentat lejn il-kiljenti adottat mill-KEPD. Il-partijiet ikkonċernati esterni kienu tal-fehma li l-KEPD jenħtieġ li jkompli jagħmel dak li jagħmel b’mod tajjeb: jagħti pariri, jipprovdi analiżi esperta u jżomm kuntatt mal-istituzzjonijiet tal-UE, filwaqt li jiżgura li ma jitqiesx bħala *ostruzzjonist*. L-Istrateġija qiegħda tittrasforma b’mod effettiv lill-KEPD minn ċentru ta’ eċċellenza għal studju u analiżi legali f’*ċentru internazzjonali tal-gravità* fid-dinja tal-protezzjoni tad-*data*.

Ir-riżultati tar-rieżami ppermettewlna nikkonkludu li ma hemm l-ebda ħtieġa ta’ bidliet fundamentali fil-missjoni jew fl-objettivi strateġiċi deskritti fl-Istrateġija. Kollha kemm huma għadhom rilevanti. Sa mill-pubblikazzjoni tal-Istrateġija fil-bidu tal-2015 ma sar l-ebda żvilupp sinifikanti u mhux mistenni fil-protezzjoni tad-*data* u l-istituzzjoni tinsab fejn stennejna li se tkun f’dan il-punt fil-mandat. Konna kapaċi wkoll nbassru għadd ta’ żviluppi, bħal żieda fl-interess fid-dimensjoni etika tal-ipproċessar tad-*data* personali u ċerti deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Qorti tal-Ġustizzja (QtĠ-UE).

## Niżguraw approċċ effettiv għat-tieni nofs tal-mandat tagħna

Sabiex jittieħed kont tal-impatt ta’ fatturi esterni li ma setgħux jiġu mbassra fl-2015, bħall-Brexit, l-amministrazzjoni l-ġdida tal-Istati Uniti u l-attakki terroristiċi, iddeċidejna li xi aġġustamenti limitati għall-Istrateġija jistgħu jkunu xierqa.

Aċċettajna wkoll li t-tagħbija tax-xogħol relatata ma’ xi kompiti, bħas-Superviżjoni tal-Europol u l-istabbiliment tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPB) l-ġdid, setgħet kienet sottovalutata. Għalkemm il-kooperazzjoni tagħna mal-partijiet ikkonċernati kienet ġeneralment sodisfaċenti, uħud minn dawk intervistati esprimew tħassib dwar relazzjonijiet futuri mal-EDPB u l-ħtieġa li l-KEPD ikun jista’ jissorvelja l-korpi kollha tal-UE, inklużi dawk fl-oqsma tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.

Xi partijiet ikkonċernati interni esprimew il-fehma li l-passaġġ bejn id-definizzjoni ta’ Strateġija u t-twettiq ta’ Strateġija mhux dejjem huwa ċar biżżejjed. Filwaqt li l-mod li bih il-KEPD jinteraġixxi mad-dinja ta’ barra inbidel b’mod sinifikanti, il-mod li bih l-istituzzjoni taħdem internament ma nbidilx wisq. Għalhekk, xi bidliet organizzattivi limitati jistgħu jkunu xierqa, sabiex jiġi żgurat li l-organizzazzjoni tkun qiegħda taħdem tajjeb kemm jista’ jkun sat-tmiem tal-mandat. It-titjib tal-komunikazzjoni interna bejn il-KEPD u s-Superviżur Assistent u l-bqija tal-organizzazzjoni huwa partikolarment importanti, kif ukoll it-titjib ta’ prijoritizzazzjoni aħjar tal-kompiti. Fuq talba tal-KEPD u tal-Assistent Superviżur, l-Aġent Direttur fil-KEPD se jniedi diskussjonijiet mal-maniġers u mal-Kumitat tal-Persunal u se jissottometti pjan ta’ azzjoni lill-Bord Maniġerjali. Dan il-pjan se jindirizza modi aktar intelliġenti ta’ ħidma, aktar delega tal-kompiti u miżuri addizzjonali mmirati lejn il-ġestjoni aħjar tat-tagħbija tax-xogħol fil-KEPD.

Kemm il-partijiet ikkonċernati esterni kif ukoll dawk interni qablu li l-organizzazzjoni hija nieqsa serjament

mill-persunal, kemm fin-numru kif ukoll f'xi oqsma ta' kompetenza. L-istituzzjoni ġiet deskritta bħala *żgħira wisq* biex tiġġestixxi r-responsabbiltajiet tagħha u tagħbija tax-xogħol li dejjem qed tiżdied. L-Aġent Direttur se jniedi riflessjoni strateġika mal-maniġers dwar kif ir-riżorsi jistgħu jiżdiedu fuq perjodu medju. Jeħtieġ li niżguraw ukoll li nieħdu approċċ selettiv ħafna għal sfidi ġodda, filwaqt li nkomplu nħarrġu lill-persunal eżistenti sabiex ngħinuhom jespandu l-kompetenzi tagħhom. Il-KEPD jista' jibbenefika wkoll billi jdaħħal korpi konsultattivi b'oqsma strateġiċi ta' għarfien.

Il-protezzjoni tad-*data* hija tħassib emerġenti f'ħafna oqsma differenti, bħal-liġi tal-protezzjoni tal-konsumatur u tal-kompetizzjoni, u l-ispeċjalisti f'dawn l-oqsma qegħdin ifittxu li jiżviluppaw approċċ koerenti għall-protezzjoni tad-*data*. Kif indikat minn parti kkonċernata waħda: aħna ma għandniex bżonn eċċellenza akkademika mill-KEPD, iżda għandna bżonn parir prattiku u espert dwar il-ħtiġijiet tagħna tad-dinja reali. Għalhekk, irridu mmorru lil hinn mill-approċċ legali tradizzjonali tagħna u niżviluppaw b'mod urġenti l-kompetenzi tagħna dwar teknoloġiji ġodda u l-impatt tagħhom, kif ukoll dwar operazzjonijiet tal-istat fl-oqsma tal-infurzar tal-liġi, is-servizz sigriet, l-investigazzjonijiet ġudizzjarji u l-prattiki tan-negozju.

Il-KEPD jinsab f'pożizzjoni b'saħħitha biex jinfluwenza politiki dwar il-protezzjoni tad-*data* fl-Ewropa. Madankollu, anke l-aktar previżjonijiet ottimistiċi tagħna ma setgħux jantiċipaw iż-żieda kbira fl-interess fil-protezzjoni tad-*data* minn barra l-fruntieri Ewropej. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR), li se jkun applikabbli b'mod sħiħ minn Mejju 2018, attwalment jitqies minn ħafna bħala standard globali. Ir-responsabbiltà għall-organizzazzjoni tal-Konferenza Internazzjonali tal-Protezzjoni tad-*Data* u tal-Kummissarji tal-Privatezza 2018 tirrifletti wkoll il-pożizzjoni tal-UE bħala mexxej internazzjonali f'dan il-qasam. Filwaqt li jitqies dan, jista' jkun xieraq li jiġu riveduti l-elementi tal-Istrateġija sabiex jiġi żgurat li jirriflettu aħjar l-ambjent internazzjonali li ninsabu fih.

Waqt il-Magament Away Day, it-tmexxija tal-KEPD għamlitha ċara ħafna li l-istituzzjoni se tkompli tkun vuċi konsisteni u influwenti dwar il-protezzjoni tad-*data* fid-dinja kollha, kif ukoll fl-Ewropa, għall-bqija' tal-mandat attwali. L-attivitajiet tagħna matul dawn l-aħħar ftit snin ħolqu aspettattivi sinifikanti li jeħtiġilna nissodisfaw. Il-KEPD se javviċina t-tieni parti tal-mandat b'enerġija mġedda, b'mod partikolari hekk kif inħarsu lejn il-Konferenza Internazzjonali tal-Protezzjoni tad-*Data* u tal-Kummissarji tal-Privatezza, li se nospitaw flimkien f'Ottubru 2018.

# Mistoqsijiet tal-intervista

**Minħabba t-trasformazzjonijiet u t-tfixkil ikkawżati mill-pass attwali aċċellerat tal-bidla, id-dinja tal-protezzjoni tad-*data* kif evolviet f'dawn l-aħħar tliet snin?**

**Fil-fehma tiegħek, hemm xi elementi li ma kinux magħrufa sentejn jew tliet snin ilu li jeħtieġu xi bidliet fil-missjoni jew fl-objettivi tal-KEPD għat-tieni parti tal-mandat li għaddej bħalissa (2018–2019)?**

**F'termini ġenerali, il-KEPD kien kapaċi jittrasforma lilu nnifsu biex ilaħħaq ma' dawn il-bidliet? X'inhi l-valutazzjoni tiegħek tar-rwol tal-KEPD bit-tim il-ġdid tas-Superviżuri?**

**Id-dinja qiegħda tiġi ddominata aktar mill-big data, minn "game changers" teknoloġiċi, regoli ġodda tal-logħba għall-organizzazzjonijiet eżistenti, parteċipanti ġodda u punti kritiċi għall-imġiba tal-atturi: iċ-ċittadini, il-partijiet ikkonċernati, iċ-ċiberkriminali, it-terroristi. X'inhuma l-isfidi fundamentali kemm għall-protezzjoni u għall-privatezza tad-*data* bħala drittijiet fundamentali kif ukoll għall-KEPD bħala istituzzjoni fuq perjodu qasir u medju? U l-KEPD kif inhu mgħammar biex jindirizzahom? X'qiegħed jagħmel tajjeb u x'għandu jinbidel?**

**Fl-era ta' trasformazzjoni u tfixkil diġitali, x'inhu r-rwol tal-KEPD fl-Ewropa u fid-dinja, u kif il-KEPD jista' jikkoopera bl-aħjar mod mal-parteċipanti l-oħrajn fil-qasam sabiex jiżgura t-twettiq tal-viżjoni, il-missjoni u l-għanijiet tiegħu?**

**Għandek xi suġġerimenti jew rakkomandazzjonijiet oħra għall-KEPD?**



**Mistoqsijiet addizzjonali għall-partijiet ikkonċernati interni**

- **Il-KEPD kif jista' jiżgura pożizzjoni ta' tmexxija fl-UE u fid-dinja?**
- **X'għandna nagħmlu biex niżguraw li l-KEPD ikun wieħed mill-akbar rebbieħa fl-era tagħna ta' bidla mgħaġġla?**

## Kif tikkuntattja lill-UE

### Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta’ ċentri ta’ informazzjoni tal-Europe Direct. Tista’ ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f’dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

### Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista’ tikkuntattja dan is-servizz:
— bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
— fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
— bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

## Kif issib tagħrif dwar l-UE

### Onlajn

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

### Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista’ tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: https://publications.europa.eu/mt/publications. Kopji multipli ta’ pubblikazzjonijiet bla ħlas tista’ tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

### Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 ’l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: http://eur-lex.europa.eu

### Dejta Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (http://data.europa.eu/euodp/mt) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista’ titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali

www.edps.europa.eu

@EU_EDPS

EDPS

European Data Protection Supervisor

EDPS

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet